MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2003

Numru 19/2001

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**John Vella**
**Anthony Felice**
**Emily Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 19 tas-sena 2001 kif emendat bid-digriet taghha tat-3 ta' Marzu, 2003 a tenur tal-artikoli 597 sa 599 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana bi ftehim bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza, kontra l-akkuzati John Vella, Anthony Felice u Emily Muscat, li bih huma gew akkuzati talli :

Skond l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza, wara li l-Avukat Generali ppremetta li John Vella, Emily Muscat u certa Frances Grixti kienu mdahhla sew fil-vizzju w abbuz tad-droga, jipprokurawha, jixtruha w jfornuha lil xulxin, gara,

izda li ghall-habta ta' madwar ix-xhur ta' Settembru w Ottubru tas-sena elf disa' mija erbgha w disghin (1994), inqalghu xi vertenzi w kwistjonijiet bejniethom fir-rigward l-abbuz u l-vizzju tad-droga, tant li John Vella kien wasal sabiex jaghmel xi forma ta' tpattija lill-imsemmija Frances Grixti u wara li l-Avukat Generali ppremetta wkoll li nhar it-tletin t'Ottubru tal-imsemmija sena 1994 f'xi hin wara l-ghaxra ta' filghaxija, John Vella u Emily Muscat rikbu fil-karozza Lada tal-istess John Vella u marru jfittxu lil Frances Grixti. Huma kienu jafu li setghu jsibuha fil-flat numru tmintax Ta' Xbiex Palace, Triq Testaferrata, Msida. Meta waslu fuq il-post b'hafna ghajjat, theddid u tghajjir lejn Frances Grixti, riedu lil dina tifthilhom, izda naturalment, dina bezghet tifthilhom u baqghet maghluqa gewwa l-appartament taghha.
Emily Muscat kienet taf li dak il-hin Frances Grixti kienet gewwa l-appartament taghha. Qalet b'dan il-fatt ukoll lil John Vella. Meta dawn raw li Frances Grixti ma riedetx tifthilhom, Emily Muscat xewxet lil John Vella u sahhitlu l-volonta' tieghu sabiex jivvendika ruhu minn Grixti. Min-naha tieghu, John Vella, nel frattemp, gab l-assistenza ta' Anthony Felice u lkoll iddecidew li jaghtu n-nar lill-blokk bini fejn kienet tghix dina Grixti.
Gabru xi affarijiet tal-plastik, karti w kartun u, wara li poggewhom quddiem l-appartament numru 15, appartenenti lil certu Sandro Mifsud, u l-appartament numru 18 fl-istess blokk, meta kienu lahqu saru xi l-hdax u kwart ta' filghaxija, kien John Vella li bil-lighter tieghu li hareg mill-but ta n-nar lil dak il-munzell. In-nar ha b'mod li seta' jqabbad il-hruq lil bini iehor fejn f'dak il-waqt, hemm gewwa, kien hemm xi persuna jew persuni, fosthom certament l-istess Frances Grixti. Fortunatament, il-Pulizija tat-Tifi tan-Nar, li gew sussegwentement imsejjha fuq il-post, irnexxilhom jitfu l-istess nar b'mod li fortunatament ukoll hadd ma tilef hajjtu jew garrab xi griehi gravi.
Illi b'eghmilhom l-imsemmija John Vella, Anthony Felice u Emily Muscat saru hatja talli volontarjament taw in-nar lil bini, gharix jew lok iehor izda meta gewwa ma kien hemm ebda persuna fil-waqt tal-hruq u dan il-bini, gharix jew lok iehor kien qieghed b'mod li ma jistghax iqabbad hruq f'bini

iehor, gharix jew lok iehor fejn waqt il-hruq ikun hemm xi persuna hemm gewwa.
Ghaldaqstant l-Avukat Generali akkuza lil John Vella, Anthony Felice u Emily Muscat talli volontarjament taw in-nar lil bini, gharix jew lok iehor, izda meta gewwa ma kien hemm ebda persuna fil-waqt tal-hruq u dan il-bini, gharix jew lok iehor kien qieghed b'mod li ma jistghax iqabbad hruq f'bini iehor, gharix jew lok iehor fejn waqt il-hruq ikun hemm xi persuna hemm gewwa.

U peress li John Vella kien ghal aktar minn darba instab hati ta' delitt b'sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-6 ta' Settembru, 1989 u tas-7 ta' Jannar, 1991 kif ukoll b'sentenza tal-Qorti Kriminali tat-2 ta' Marzu 1991 u Anthony Felice ukoll kien precedentement kien instab hati ta' delitt skond sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-15 ta' Frar, 1991, l-Avukat Generali addebita wkoll lil dawn l-akkuzati bir-recidiva.

Skond it-Tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza, wara li l-Avukat Generali ppremetta li nhar it-30 t'Ottubru, 1994, wara li John Vella, Emily Muscat u Anthony Felice qabbdu w taw in-nar quddiem l-appartament numru 18, Ta' Xbiex Palace, Triq Testaferrata, Msida, hekk kif espost u allegat fl-ewwel kap hawn fuq, li l-istess John Vella, Emily Muscat u Anthony Felice ddecidew li jaghtu n-nar direttament lill-appartament numru 15, fl-istess bini w indirizz, u dana peress li n-nar ta' qabel quddiem il-Flat numru 18 ma firexx ghall-appartament ta' Frances Grixti, meta huma kienu jafu li dina kienet hemm gew f'dak il-waqt.
Quddiem il-bieb ta' Frances Grixti, John Vella bl-ghajnuna ta' Emily Muscat u Anthony Felice, tefa' salt boroz tal-iskart mis-suwed u bil-lighter tieghu tahom in-nar. Hin wara kien hu ukoll li qabad bicca kartuna kbira, ta n-nar u tefghahha taqbad gewwa l-appartament minn apertura.
In-nar ha u firex sew, tant li l-bieb tal-hadid prattikament dab, reha xi rwejjah u dhahen perikoluzi, tant li Frances Grixti giet mahkuma w fgata mill-istess nar u dhahen. U kien propju bl-intervent opportun tat-Taqsima tat-Tifi tan-Nar li ssejjhu fuq il-post minn xi girien li ntefa n-nar

minghajr ebda telf ta’ hajja tal-istess Grixti w minghajr ebda konsegwenzi gravi akbar.
Nel frattemp John Vella, Emily Muscat u Anthony Felice lahqu harbu minn fuq il-post tad-delitt sakemm aktar tard gew arrestati mill-Pulizija.

Illi b’eghmilhom l-imsemmija John Vella, Anthony Felice u Emily Muscat saru hatja talli volontarjament taw in-nar lil bini, gharix jew lok iehor izda meta fil-waqt ma kien hemm ebda persuna hemm gewwa u dan il-bini, gharix jew lok iehor kien qieghed b’mod li ma jistghax iqabbad hruq f’bini iehor, gharix jew lok iehor fejn waqt il-hruq ikun hemm xi persuni hemm gewwa.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali akkuza lil John Vella, Anthony Felice u Emily Muscat talli volontarjament taw in-nar lil bini, gharix jew lok iehor, izda meta gewwa ma kien hemm ebda persuna fil-waqt tal-hruq u dan il-bini, gharix jew lok iehor kien qieghed b’mod li ma jistghax iqabbad hruq f’bini iehor, gharix jew lok iehor fejn waqt il-hruq ikun hemm xi persuni hemm gewwa.

U peress li John Vella kien ghal aktar minn darba instab hati ta’ delitt b’sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-6 ta’ Settembru, 1989 u tas-7 ta’ Jannar, 1991 kif ukoll b’sentenza tal-Qorti Kriminali tat-2 ta’ Marzu 1991 u Anthony Felice ukoll kien precedentement kien instab hati ta’ delitt skond sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-15 ta’ Frar, 1991, l-Avukat Generali addebita wkoll lil dawn l-akkuzati bir-recidiva.

Hadet in konsiderazzjoni n-nota ta’ l-Avukat Generali tas-26 ta’ Frar, 2003;

Rat il-verbali tal-Prosekuzzjoni tas-seduta tat-3 ta’ Marzu, 2003 li bihom iddikjarat li n-nota taghha fuq imsemmija kellha tiftiehem fis-sens illi, anki kieku kellhom jirrizultaw iz-zewg kapi ta’ l-att ta’ l-akkuza fil-konfront tal-akkuzati, il-piena massima ma tistax tkun iktar minn erba snin prigunerija fil-kaz ta’ Emily Muscat u ta’ hames snin prigunerija fil-konfront ta’ l-akkuzati John Vella u Anthony

Felice u li m’ghandhomx japplikaw ir-regoli tal-konkors tal-pieni;

Rat il-verbal tad-Difiza li bih ezentat lil Qorti mill-qari ta’ l-att ta’ l-akkuza kif emendat u d-dikjarazzjoni ta’ l-akkuzati li biha rrinunzjaw ghad-dritt taghhom li jitolbu differiment in vista tal-korrezzjonijiet ordnati fl-att ta’ l-akkuza li huma kienu qed jaderixxu ruhhom ghalihom;

Rat illi l-akkuzati John Vella u Anthony Felice mistoqsijin jekk hux hatja wiegbu li kienu hatja taz-zewg kapi ta’ l-Att ta’ l-Akkuza u li regghu tennew din l-ammissjoni anki wara li l-Qorti wissiethom bl-aktar mod serju dwar il-konsegwenzi taghha u taghtom hin biex jerghu jikkonsidraw il-posizzjoni taghhom;

Qieset li l-akkuzata Emily Muscat wiegbet li ma kienitx hatja skond l-Att ta’ l-Akkuza;

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum 5 ta’ Marzu, 2003, li bih unanimament sabu lil Emily Muscat mhux hatja tal-Ewwel u tat-Tieni Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza;

Rat l-Artikolu 487 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta w tiddikjara lil Emily Muscat mehlusa w tordna li tigi liberatha jekk m’hix fil-prezent detenuta ghal ragunijiet ohra kif lil din il-Qorti jirrizultalha li tista’ tkun mill-fedina penali aggornata llum esebita ta’ l-istess hatja

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena fir-rigward tal-hatja John Vella u Anthony Felice;

Tiddikjara lil John Vella u Anthony Felice hatja taz-zewg Kapi ta’ l-Att ta’ l-Akkuza kif emendat**;**

Qieset dwar il-piena is-segwenti argumenti favur il-hatja John Vella u Anthony Felice
1. il-fatt li huma ammettew l-htija taghhom fil-bidu tal-guri u li skond il-gurisprudenza ta’ dawn il-Qrati, dan, f’certi cirkostanzi, jista’ jwassal ghal xi mitigazzjoni fil-piena, ghalkemm dan mhux bil-fors jew dejjem jew b’xi dritt awtomatiku kif gie deciz f’diversi sentenzi tal-Qrati (ara Ir-

Repubblika ta' Malta vs Nicholas Azzopardi; Qorti Kriminali [24.2.1997], Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Camilleri; Qorti tal-Appell Kriminali [5.7.2002] u l-Pulizija vs Emanuel Testa; Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) [17.7.2002];

2. Il-fatt li l-proceduri damu biex bdew inspjegabbilment mill-Pulizija minkejja li l-fatti li taw lok ghall-akkuzi kienu jidhru ben maghrufa ghaliha u li anki meta l-kaz beda quddiem il-Qorti jidher li kien hemm xi dewmien inutili w li dan wassal biex il-kaz ilu jkarkar kwazi disgha snin. Qieset f'dar-rigward ukoll l-implikazzjonijiet li jistghu johorgu mis-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tas-26 ta' Settembru, 2001 fil-kaz ta' "Beck vs Norway" li ghaliha ghamlet referenza d-Difiza;

3. Qieset ukoll l-istat mentali li x'aktarx kienu qeghdin jagixxu tahtu z-zewg hatja Vella u Felice;

4. Il-fatt li l-hati Felice temm b'success programm biex jigi riabilitat mill-vizzju tad-drogi u li sallum jidher li ghadu qed izomm il-boghod minn dan il-vizzju;

5. Illi l-hati Felice kien stqarr mill-bidu nett l-involviment tieghu fl-incident meta xehed quddiem l-espert tal-Qorti il-Prof. Alfred Vella;

6. Qieset ukoll iz-zmien li l-hatja ghamlu taht arrest preventiv in konnessjoni ma din il-kawza;

7. Qieset finalment in-nota w id-dikjarazzjonijiet tal-Avukat Generali fuq imsemmija li biha f'kull kaz, anki jekk tinstab htija taht iz-zewg Kapi ta' l-Att ta' l-Akkuza, l-piena massima minnu mitluba m'ghandix teccedi erbgha snin prigunerija fil-kaz ta' Emily Muscat u hames snin prigunerija fil-kaz ta' Vella u Felice.

Mill-banda l-ohra, kontra l-hatja

1. Qieset il-gravita' tar-reati dedotti kontra l-hatja anki wara li l-Avukat Generali talab u ottjena riduzzjoni fl-akkuza w riduzzjoni sostanzjali fil-piena minnu mitluba inizjalment;

2. Il-perikolu ghal nies innocenti li kienu joqghodu fil-blokk ta' flats in kwistjoni meta sehhew iz-zewg incendji doluzi msemmija fiz-zewg Kapi ta' l-Att ta' l-Akkuza, kieku n-nirien inxterdu w infirxu aktar milli fil-fatt gara;

3. Il-fatt li, anki jekk dan kollu sar b'att ta' blugha, dan ma jnaqqasx mill-konsegwenzi gravi potenzjali li setghu kellhom iz-zewg incendji doluzi;
4. Qieset il-fedina penali mill-aktar refrattarja tal-hati John Vella li minnha jidher li diga' gie sentenzjat diversi drabi ghal piena ta' prigunerija w li ilu ghaddej b'din il-hajja refrattarja minn 1976 sa inqas minn sena ilu;
5. Qieset ukoll li l-hati John Vella huwa recidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-6 ta' Settembru 1989 u tas-7 ta' Jannar 1991 u b'sentenza tal-Qorti Kriminali tat-2 ta' Marzu 1991;
6. Qieset ukoll li kemm meta gie interrogat mill-Ispettur Bayliss kif ukoll meta xehed bil-gurament quddiem l-espert tal-Qorti l-Prof. Alfred Vella, l-hati John Vella, ghalkemm issa f'dan il-guri ammetta l-htija tieghu, kien cahad kull involviment fir-reati lilu addebitati;
7. Qieset ukoll il-fedina penali tal-hati Anthony Felice li minnha jidher li ilu jikser difrejh mal-Ligi sa mis-sena 1987 u li l-ahhar li gie sentenzjat kien fit-28 ta' Jannar 2000 u li diversi drabi gie kkundannat ghal piena ta' prigunerija jew detenzjoni;
8. Qieset li l-hati Felice wkoll huwa recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-15 ta' Frar, 1991;

Rat l-Artikoli 318, 49, 50, 31 (1) (b) (vi) (vii) (viii) (ix) u l-Artikolu 17 (b), u 533 tal-Kodici Kriminali;

Qieset li l-ispejjez tal-perizji gew kollha inkorsi in konnessjoni ma' l-Inkjesta Magisterjali li giet konkluza qabel ma bdew il-proceduri odjerni kontra l-hatja w ghalhekk il-hatja ma jistghux jigu kundannati li jhallsu dawn l-ispejjez;

Tikkundanna lil hati John Vella ghal piena ta' erba (4) snin prigunerija li minnhom irid jitnaqqas kull perjodu jew perjodi ta' zmien li hu dam taht arrest preventiv in konnessjoni ma' din il-kawza;

Tikkundanna lil hati Anthony Felice ghal tlett snin (3) prigunerija li minnhom irid jitnaqqas kull perjodu jew perjodi ta' zmien li hu dam taht arrest preventiv in konnessjoni ma din il-kawza;

--------------------------------TMIEM--------------------------------